A.L. 219 ta' l-2004

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Regolamenti ta' l-2004 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Rifużjoni ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud lill-persuni taxxabbli mhux stabbiliti f'Malta iżda stabbiliti fit-territorju tal-Komunita u li jwettqu biss f'Malta operazzjonijiet permessi b'dawn ir-regolamenti)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 25 u 75 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 (Rifużjoni ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud lill-persuni taxxabbli mhux stabbiliti f'Malta iżda stabbiliti fit-territorju tal-Komunita u li jwettqu biss f'Malta operazzjonijiet permessi taħt dawn ir-regolamenti).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Mejju, 2004, u għandhom japplikaw unikament għal *input tax* li jkollha titħallas f'dik id-data jew wara dik id-data.

Tifsir.

2. (1) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, "persuna taxxabbli mhux stabbilita f'Malta" tfisser persuna taxxabbli li matul il-perjodu ta' provvista in kwistjoni, ma jkollhiex il-post ta' l-attività ekonomika tagħha lanqas stabbiliment fiss li minnu twettaq l-attività tan-negozju tagħha, jew, jekk ma jkun jeżisti ebda post bħal dak ta' l-attività ekonomika tagħha jew stabbiliment fiss, id-domiċilju tagħha jew il-post normali tar-residenza tagħha f'Malta, u li, matul l-istess perjodu, ma tkun ipprovdiet ebda oġġetti jew servizzi meqjusa li jkunu ġew provduti f'Malta, bl-eċċezzjoni:

(a) ta' servizzi ta' trasport u servizzi anċillari għal dan eżentati konformament u sal-limitu li dawn jagħmlu parti mill-valur taxxabbli, skond il-partita 12 tas-Seba' Skeda li tinsab ma' l-Att, u tal-partiti 1, 2, 4(2), 4(3), 5, 6, 7, u 8(1) tat-Taqsima Wieħed tal-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att;

(b) ta' servizzi provduti fil-każi fejn it-taxxa titħallas unikament mill-persuni li lilhom jiġu provduti dawk is-servizzi, skond il-partiti 7, 9, 10, 11(1) u 12 tat-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Att, fejn is-servizzi jiġu provduti u mwettqa minn persuna taxxabbli mhux stabbilita f'Malta.

(2) "Territorju tal-Komunita" għandha tfisser it-territorji definiti fis-Sittax-il Skeda li tinsab ma' l-Att.

Rifużjonijiet.

3. Il-Kummissarju tal-VAT għandu jirrifondi lil kull persuna taxxabbli li ma tkunx stabbilita f'Malta iżda li tkun stabbilita fi Stat Membru ieħor, bla ħsara għall-kondizzjonijiet imniżżla hawn taħt, kull taxxa fuq il-valur miżjud imħallsa fir-rigward ta' servizzi mogħtija jew proprjeta mobbli provduta lilha f'Malta minn persuni oħra taxxabbli jew imħallsa fir-rigward ta' importazzjoni ta' oġġetti f'Malta sal-limitu li dawk l-oġġetti u s-servizzi jintużaw għall-finijiet tal-provvista ta' servizzi msemmija fir-regolament 2 (1) (a) u (b) ta' dawn ir-regolamenti.

Kif wieħed japplika.

4. Biex tikkwalifika għal rifużjoni, kull persuna taxxabbli msemmija fir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti li ma tipprovdi ebda oġġetti u servizzi meqjusa li jkunu provduti f'Malta għandha:

(a) tibgħat lill-Kummissarju applikazzjoni fuq il-formola preskritta fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, u tehmeż l-oriġinali tal-fatturi u, jew id-dokumenti ta' importazzjoni;

(b) jipproduċi evidenza fil-forma ta' ċertifikat mimli jew bil-lingwa Maltija jew bil-lingwa Ingliża, endorsjat mill-awtorita kompetenti ta' l-Istat fejn ikun stabbilit, li huwa persuna taxxabbli għall-finijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud f'dak l-Istat. Madankollu, fejn il-Kummissarju diġa' jkollu evidenza bħal dik fil-pussess tiegħu, il-persuna taxxabbli ma' għandhiex tkun meħtieġa li tipproduċi evidenza ġdida għal perjodu ta' sena mid-data tal-hruġ ta' l-ewwel ċertifikat mill-awtorita kompetenti ta' l-Istat li fih tkun stabbilita;

(ċ) tiċċertifika permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub li ma tkun ipprovdiet ebda oġġetti jew servizzi meqjusa li jkunu ġew provduti f'Malta matul il-perjodu msemmi fl-ewwel u t-tieni sentenzi ta' l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu (1) tar-regolament 8 ta' dawn ir-regolamenti;

(d) tintrabat li tħallas lura kull somma mħallsa bi żball.

5. Sabiex tkun eliġibbli għar-rifużjoni, kull persuna taxxabbli li ma tkunx ipprovdiet f'Malta oġġetti jew servizzi meqjusa li jkunu ġew provduti f'Malta minbarra s-servizzi msemmija fir-regolament 2 (1) (a) u (b) ta' dawn ir-regolamenti għandha: Eliġibilità.

(a) tissodisfa l-ħtiġiet preskritti fir-regolament 4 (a), (b) u (d) ta' dawn ir-regolamenti;

(b) tiċċertifika permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub li, matul il-perjodu msemmi fl-ewwel u t-tieni sentenzi ta' l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu (1) tar-regolament 8 ta' dawn ir-regolamenti, ma tkun ipprovdiet ebda oġġetti u servizzi meqjusa li jkunu ġew provduti f'Malta minbarra s-servizzi msemmija fir-regolament 2 (1) (a) u (b) ta' dawn ir-regolamenti.

6. (1) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, oġġetti u servizzi li fir-rigward tagħhom it-taxxa tista' titħallas lura, għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet preskritti fl-artikoli 22 u 23 ta' l-Att. Kondizzjonijiet.

(2) Dawn ir-regolamenti ma għandhomx jgħoddu għall-provvisti ta' oġġetti li huma jew li jistgħu jiġu eżentati taħt il-partita 1(2) tat-Taqsima Wieħed tal-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att.

7. Il-Kummissarju ma għandux jimponi fuq persuni taxxabbli xi obbligi oħra, b'żieda ma' dawk imsemmija fir-regolamenti 4 u 5 ta' dawn ir-regolamenti, minbarra l-obbligu li jipprovdu, f'każi speċifiċi, l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi stabbilit jekk l-applikazzjoni għar-rifużjoni hijiex ġustifikata. Impożizzjoni ta' obbligi.

8. (1) L-applikazzjoni għar-rifużjoni li għaliha jipprovdu r-regolamenti 4 u 5 ta' dawn ir-regolamenti għandha tirrelata ma' xiri kontra fatturi ta' oġġetti u servizzi jew għal importazzjonijiet magħmula matul perjodu ta' mhux anqas minn tliet xhur u mhux aktar minn sena kalendarja. Dawk l-applikazzjonijiet jistgħu wkoll ikunu jirrelataw ma' fatturi jew dokumenti ta' importazzjoni mhux koperti b'applikazzjonijiet ta' qabel u li jirrigwardaw transazzjonijiet magħmulin matul is-sena kalendarja in kwistjoni. Perjodu kopert.

L-applikazzjoni għandha timtela jew bil-lingwa Maltija jew bil-lingwa Ingliża, u għandha tintbagħat lill-Kummisarju tal-VAT, Centrepoint Building, Ta' Paris Road, Birkirkara, CMR 02, Malta, fi żmien sitt xhur mit-tmiem tas-sena kalendarja li fiha t-taxxa saret dovuta.

Jekk l-applikazzjoni tkun tirrelata għal perjodu ta' anqas minn sena kalendarja iżda ta' mhux anqas minn tliet xhur, l-ammont li

għalih tintgħamel l-applikazzjoni ma jistgħax ikun ta' anqas minn tmenin lira (Lm80); iżda jekk l-applikazzjoni tirrelata ma' perjodu ta' sena jew mal-bqija tas-sena kalendarja, l-ammont ma jistgħax ikun ta' anqas minn għaxar liri (Lm10).

Il-Kummissarju jista' jittondja 'l fuq jew l-isfel sa 10 fil-mija, il-figuri li jirriżultaw minn din il-konverżjoni fil-munita nazzjonali.

(2) Il-Kummissarju għandu jittimbra kull fattura u, jew dokument ta' importazzjoni biex jipprevjeni l-użu tagħhom f'applikazzjonijiet oħra u għandu jibgħathom lura fi żmien xahar.

(3) Id-deċiżjonijiet li jikkonċernaw l-applikazzjonijiet għar-rifużjoni għandhom jingħataw fi żmien sitt xhur mid-data meta l-applikazzjonijiet, akkumpanjati bid-dokumenti kollha meħtieġa minn dawn ir-regolamenti għall-eżami ta' l-applikazzjoni, jiġu riċevuti mill-Kummissarju. Ir-rifużjonijiet għandhom isiru qabel it-tmiem ta' dan il-perjodu, fuq it-talba ta' l-applikant, jew f'Malta jew fl-Istat fejn ikun stabbilit. Fil-każ imsemmi l-aħħar, l-ispejjeż bankarji għat-trasferiment għandhom jitħallsu mill-applikant.

Il-Kummissarju għandu jiddikjara r-raġuni għar-rifjut ta' kull applikazzjoni. Appelli kontra dak ir-rifjut jistgħu jiġu preżentati lill-Bord ta' l-Appelli dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud f'Malta, suġġetti għall-istess kondizzjonijiet fir-rigward tal-forma u l-limiti ta' żmien bħal dawk li jirregolaw talbiet għar-rifużjoni magħmula minn persuni taxxabbli stabbiliti f'Malta.

(4) Fejn rifużjoni tkun inkisbet frawdolentement jew b'xi mod ieħor irregolari, il-Kummissarju għandu jipproċedi direttament biex jirkupra l-ammonti mħallsa ħażin u kull penalitajiet u mgħax imposti bir-regolament 9 ta' dawn ir-regolamenti, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet li jirrelataw ma' l-assistenza reċiproka fl-irkupru ta' taxxa fuq il-valur miżjud.

Fil-każ ta' applikazzjonijiet frawdolenti li ma jistgħux jintgħamlu suġġetti għall-penali amministrattiva, il-Kummissarju għandu jirrifjuta għal massimu ta' sentejn mid-data li fiha kienet saret l-applikazzjoni frawdolenti kull rifużjoni oħra lill-persuna taxxabbli konċernata. Fejn penali amministrattiva tkun ġiet imposta u mgħax isir dovut, iżda ma jkunux tħallsu, il-Kummissarju għandu jissospendi kull rifużjoni oħra lill-persuna taxxabbli konċernata sakemm ikunu tħallsu. B'żieda l-Kummissarju għandu jkollu d-dritt li jnaqqas dik il-penali amministrattiva u mgħax minn xi rifużjonijiet futuri mitluba minn dik il-persuna taxxabbli.

Penali amministrattiva u mgħax.

9. Fejn rifużjoni tkun inkisbet frawdolentement jew b'mod irregolari ieħor, kif imniżżel fil-paragrafu (4) tar-regolament 8 ta' dawn ir-regolamenti, penali amministrattiva ekwivalenti għal għoxrin fil-mija ta' l-ammont riċevut indebitament għandha ssir dovuta, flimkien ma' mgħax bir-rata ta' wieħed fil-mija għal kull xahar jew parti minnu, liema mgħax għandu jibda jiddekorri mid-data tal-ħlas ta' l-ammont riċevut indebitament sad-data li fiha dak l-ammont flimkien mal-penali amministrattiva u l-imgħax jitħallas lura lill-Kummissarju:

Iżda l-ammont ta' dik il-penali amministrattiva u mgħax meħuda flimkien ma għandux jeċċedi l-ammont miksub frawdolentement jew mod irregolari ieħor.

Ċertifikat.

10. Iċ-ċertifikat imsemmi fir-regolament 4(b) ta' dawn ir-regolamenti, li jistabbilixxi li l-persuna involuta hija persuna taxxabbli, għandu jsir fil-forma speċifikata fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Kif isir il-ħlas.

11. Il-ħlas tar-rifużjoni għandu jsir f'ewro jew fil-munita nazzjonali, skond l-għażla tal-persuna taxxabbli permezz ta' ċekk bankarju impustat fl-indirizz muri fuq l-applikazzjoni, jew f'kont f'Malta indikat mill-persuna taxxabbli.

B 3816

APPLICATION FOR REFUND OF VALUE ADDED TAX BY A BUSINESS PERSON NOT REGISTERED IN MALTA

(Please read the explanatory notes before completing the application form)

Is this your first application?
If not, please give tax reference number

Receipt stamp

COMMISSIONER OF VAT
VALUE ADDED TAX DEPARTMENT
CENTRE POINT BUILDING
TA' PARIS ROAD
BIRKIRKARA, MALTA
CMR 02

1 Surname and forenames or name of firm of applicant

Street and house number

Postal code, place and country

2 Nature of applicant's business

3 Particulars of the tax office and VAT registration number in the country in which the applicant is established or has his domicile or normal place of residence

4 Period to which the application refers — from month / year — to month / year

5 Total Amount of refund requested (in figures)
(see overleaf for itemised list)

6 The applicant requests the refund of the amount shown in 5 in the manner described in 7.

(*) Insert X in the appropriate box ▶

7 Method of settlement requested (*) ☐ Bank Account ☐ Postal Account

☐ Account number — Code number of financial body

☐ Account in the name of

☐ Name and address of the financial body

8 Number of documents enclosed: ..... Invoices: ..... Import documents: .....

9 The applicant hereby declares:
(a) that the goods or services specified overleaf were used for his activities as a taxable person during:

(*) Insert X in the appropriate box ▶

(b) that in the country in which the refund is being requested, and during the period covered by this application, he engaged in:

☐ (*) no supply of goods and services,
☐ (*) only the provision of services in respect of which tax is payable solely by the person to whom they are supplied,
☐ (*) only in the provision of certain exempted transport services and services ancillary thereto;

(c) that the particulars given in this application are true.

The applicant undertakes to pay back any monies wrongfully obtained.

....., on ....
(Place) (Date) (Signature)

VAT FORM 008/2004

10 Statement itemising VAT amounts relating to the period covered by this application

1) Each document submitted should be consecutively numbered starting with 1. The number should be inserted in the top right-hand corner of the face of the document. Enter details across the columns in respect of each invoice etc. submitted. If sufficient space is not available you must use a continuation sheet, headed with your tax registration number, endorsed Box 10 and attached firmly to the application form.

2) You are reminded that when tax is incurred by taxable persons who receive VAT group treatment, the group representative member must apply on behalf of all the members. As the supporting invoices produced will not necessarily be addressed to the representative member, the status of certificate must also contain the names of those group members who incurred the tax.

Number	Nature of goods or services	Name, VAT Registration number (if known) and address of supplier of goods or services	Date and number of invoice or import document	Amount of tax refund applied for	FOR OFFICIAL USE ONLY
			C/F		

B 3817

CERTIFICATE OF STATUS OF TAXABLE PERSON

The undersigned .....
(Name and address of competent authority)

certifies that .....
(Surname and forenames or name of firm)

.....
(Nature of activity)

.....
(Address of the establishment)

is a taxable person for the purposes of value added tax, his registration number being ([1])

.....

.....
(Date)

Official Stamp

.....
(Signature, name and grade)

([1]) If the applicant does not have a VAT registration number, the competent authority shall state the reason for this.